DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

# ADDIJO ĊESRI

*Xena 11, p.59 (M)*

## BORG

### IL-PENSJONI?

Il-pensjoni għedt? Il-pensjoni. Għalija qed tgħid? Jien? Bilkemm għalaqt sittin?...

Kmieni! Bil-pensjoni?... Imma ma jistax ikun! Għedt int stess li bagħtu għalija...

– Iva, bagħtu għalija... Għalhekk mela? Għalhekk biss? Biex jgħiduli li issa m'għadx għandhom bżonni iżjed? Għalhekk hux! Għalhekk! Tkellem!

Mela s'hawn kellna naslu. Wara li tajthom kollox - wara li tajthom ħajti - fdajt fihom... fdajt fik. Għalhekk mela.

U jgħidulek - jgħidulek agħti lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri... hux hekk jgħidulek? U jien, baħnan li kont, jien tajtu kollox! Kollox tajthom – ħajti kollha – xogħli għomri u żmieni.

Baħnan iva. Jien il-baħnan. X'baqagħli nagħmel issa? Nagħti lil Alla dak li hu ta' Alla – dak li baqagħli nagħmel issa?

...Issa li Ċesri ħadli kollox - nagħtih ħajti lura wkoll? Nagħtih dak li fadal minn din ħajti baħnana lil Alla? Dak li fadalli nagħmel? Lil Alla? *(141)*

PDF p. 59

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.